MYRIAM SPITERI DEBONO
B.A. (HONS.) DIP. N.P.
NOTARY PUBLIC

*Residence.*
Casa Fortunata
Misrah San Alwigi,
B'Kara.
Tel. 493580

Illum, tnejn (2) ta' Settembru, elfejn u sitta (2006)

Quddiemi nutar Myriam Spiteri Debono qeghdin jidhru personalment wara li jiena n-nutar sottoiffirmat zgurajt ruhi mill-identita' tal-partijiet skond il-ligi, permezz tad-dokumenti ufficjali hawn taht imsemmija.

Minn naha 'l wahda; **Alfred Mifsud**, konsulent finanzjarju, legalment separat, bin il-mejtin Philip Mifsud u Salvina nee' Zammit, imwieled Haz-Zebbug, u joqghod Hal Balzan, karta tal-identita' numru 800051(M); aktar l-isfel imsejjah id-donatur.

U minn naha l-ohra; **Anna Zelbst**, divorzjata minn zewgha Charles Michael Zelbst, bint il-mejjet Abraham Farrugia u Inez nee' Cassar, imwielda l-Isla u toqghod Hal Balzan, karta tal-identita' numru 513054(M); aktar 'l isfel imsejjha l-beneficjarja.

U il-partijiet, id-donatur u l-beneficjarja, jiddikjaraw illi huma t-tnejn ko-propjetarji fi kwoti ugwali u ndivizi, tal-fond maghruf bl-isem 'Chikache', bin-numri ufficjali wiehed u erbghin (41) u tlieta u erbgin (43), fi Triq Birbal, Hal Balzan, li giet minnhom akkwistata, permezz ta' att ta' self u xiri datat sitta (6) ta' April, elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), fl-atti tan-nutar Dottor Carmel Mangion, kif ahjar deskritta f'dan l-istess att hawn citat.

Il-partijiet, id-donatur u l-beneficjarja jiddikjaraw ukoll illi dan l-immobbli minnhom akkwistat, kien inxtara bil-prezz ta' mija u hamsin elf liri maltin (Lm150,000), illi minnhom il-partijiet kienu hallsu l-ammont ta' elfejn liri maltin (Lm2,000), u il-bilanc ta' mija u tmienja u erbghin elf liri maltin (Lm148,000), gie mhallas lill-vendituri tal-istess propjeta' mill-Mid-

Med Bank p.l.c., kif delegat mill-partijiet, jigifieri id-donatur u l-beneficjarja, mis-self illi l-istess Mid-Med Bank p.l.c. kien ta lill-partijiet, bl-istess att ta' self u xiri hawn fuq citat.

Illi l-partijiet jiddikjaraw illi l-flejjes mislufa mill-Mid-Med Bank p.l.c. lil beneficjarja, gew imhallsa u llum ma hemm l-ebda piz ta' dejn fuq dan l-imsemmi fond. Dan il-hlas sar, in parti mill-beneficjarja stess minn fondi li gew ghandha mill-bejgh ta' propjeta' immobbli, u ta' oggetti mobbli, u in parti mid-donatur, u saru ukoll il-kancellamenti tal-ipoteki rispettivi.

Il-partijiet jiddikjaraw ukoll illi saru certu benefikati fl-immobbli a spejjez tad-donatur, liema spejjez jammontaw ghal tletin elf liri maltin (Lm30,000) biex gie zviluppat il-gnien, u f' parti mill-istess gnien saret pixxina u nbnew facilitajiet ancillari.

Id-donatur jiddikjara illi in vista tal-fatt illi tul dawn l-ahhar ghaxar snin il-beneficjarja ccahdet milli tkompli l-karriera taghha ta' marketing executive, f'liema karriera, ghaxar snin ilu, hija kienet tikkmanda hlas ta' madwar tnax-il elf liri maltin (Lm12,000) fis-sena, kif ukoll beneficcji ancillari, u dan hija ghamlitu, bi ftehim mad-donatur, biex tkun tista' tiddedika ruhha ghall-kura u t-trobbija taz-zewgt itfal minuri tad-donatur; izid illi huwa konxju li minhabba dan il-fatt ta' qtugh fil-karriera u assenza mid-dinja tax-xoghol, il-beneficjarja soffriet zvantagg, u ghaldaqstant fl-ewwel lok, bis-sahha ta' dan l-att, qieghed jigi ddikjarat illi qed jigi kkalkulat illi ntefqet spiza li tammonta ghal tmenin elf liri maltin (Lm80,000) liema spiza tirrapprezenta flejjes li id-donatur hallas lil bank, kif ukoll flejjes li huwa nefaq f'benefikati fl-immobbli deskritt aktar 'il fuq, u id-donatur jiddikjara li din l-ispiza ta' tmenin elf liri maltin (Lm80,000) li tolqot u tirrigwardja n-nofs indiviz tal-beneficjarja giet fil-fatt minfuqa minnu bi spirtu ta' liberalita', daqs li kieku l-

ammont hawn fuq indikat kien gie moghti lilha b'donazzjoni irrevokabbli.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak li hawn fuq inghad, id-donatur qieghed jiddona irrevokabilment, u bi spirtu ta' liberalita' jaghti, b'mod definittiv lill-beneficjarja, li min-naha taghha taccetta, donazzjoni ghall-ammont ta' tmenin elf liri maltin (Lm80,000), liema ammont jirrapprezenta flus li gew mid-donatur avvanzati lill-beneficjarja ghall-akkwist tal-immobbli u ghall-benefikati li saru fih, kif spjegat hawn fuq.

Dan l-att gie maghmul, moqri u ppublikat wara d-debita cerzjorazzjoni skond il-ligi f'Malta, f' Hal Balzan, fi Triq Birbal, numru tlieta u erbghin (43), maghruf bl-isem 'Chikache'.

Iffirmat
Alfred Mifsud
Anna Zelbst

Myriam Spiteri Debono
Nutar Pubbliku, Malta

Vera kopja mill-Att Ingħ.
illum 08/11/2006
Nutar Myriam Spiteri Debono